MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 1637/2014/1

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**vs**

1. **Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` Speedy Station Limited (C23960)**
2. **Costantino Balzan (KI Nru607952M)**

**Il-Qorti,**

Rat il-verbal tat-13 ta’ Novembru 2014 fejn Dr Dominic Cassar ghas-socjeta` attrici esebixxa kopja tal-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1610/02 fejn ghandu jirrizulta li Francis Xavier Balzan kien halla kwart indiviz tal-azjenda mertu ta' dan il-mandat lill-intimat Costantino Balzan, ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti b'nota ipprezentata llum stess irriduciet il-pretensjoni taghha ghall-kwart indiviz tal-azjenda kummercjali.

Jirrizulta li Mary Balzan hija omm Costantino Balzan u uzufruttwarja.

Dr Cassar in visto tal-fatt minhabba li Costantino Balzan mhux il-persuna li qed jiggestixxi l-azjenda in mertu, talab li t-talba tieghu ojderna tigi limitata ghall-ezekuzzjoni tal-mandat ghall-kwota ridotta ta' kwart indiviz billi l-Marixall ezekuttiv jaqbad l-oggetti fuq il-post Speedy Petrol Station, u ghalhekk ma nsistiex ukoll ghall-effetti tal-Art 848 (a) fuq l-azjenda bhala 'going concern' fis-sens li l-gestjoni tal-azjenda m'ghandhiex tigi kolpita bil-mandat;

Il-Qorti tilqa' t-talba u tordna l-hrug tal-mandat ta' Qbid fit-termini hawn fuq imfissra kontra l-intimati odjerni.

L-ispejjez ta' dan ir-rikors ikunu a karigu tal-intimati.

**Degretat.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------